MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2013

Rikors Kongunt Numru. 273/2013

**AB**

**vs**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettew:

Illi huma kienu zzewgu nhar il-14 ta’ Dicembru 1985 u sseparaw legalment fit-3 ta’ Lulju 2003, u dana permezz tal-kuntratt pubbliku maghmul fl-atti tan-Nutar Fiona Zammit Armeni, kopja awtentika tal-istess qeghda tigi hawn annessa u markata bhala Dok A;

Illi ghaldaqstant ghaddew aktar minn erba snin mid-data ta’ separazzjoni legali taghhom, u infatti, ghaxar snin;

Illi ghalhekk ukoll il-partijiet ilhom ma jghixux flimkien ghal perjodu kontinwu ta' iktar minn ghaxar (10) snin;
Illi l-esponenti jiddikjaraw li ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejniethom;

Illi l-esponenti jiddikjaraw illi il-manteniment dovut huwa indikat fis-separazzjoni annessa, u li prezentament ma hemmx aktar manteniment;

Illi it-tnejn jiddikjaraw u jikkonfermaw illi dejjem zammew l-obligazzjonijiet taghhom;

Illi Mariella Cassar tixtieq tirriverti ghal kunjom xbubitha "Busuttil";

Illi il-partijiet jiddikjaraw illi ser juzaw is-servizzi legali tal-istess avukat;

Ghaldaqstant talbu li din il-Qorti joghgobha :
(1) tawtorizza u tippronunzja d-divorzju bejn John Nicholas u Mariella Cassar taghhom mahlul ai termini tal-Artikoli 66A et seguit tal-Kodici Civili u kif ukoll tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk minn dina il-Qorti, javza id-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku, u dan taht kull provvediment iehor li jidhrilha xieraq u opportun;
(2) Tordna u tawtorizza lil Mariella Cassar tirriverti ghal kunjom xbubitha "Busuttil";

Rat illi ir-rikorrenti Mariella Cassar iddikjarat illi tixtieq tirriverti ghal kunjom xbubitha "Busuttil";

Rat id-digriet taghha tat-30 ta' Mejju, 2013;
Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat l-affidavits bix-xhieda tal-partijiet;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi biex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mit-3 ta’ Lulju 2003 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda manteniment dovut;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja id-divorzju bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku. Il-Qorti tawtorizza lir-rikorrenti Mariella Cassar tirriverti ghal kunjom xbubitha “Busuttil”;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------